FI TLUGH IX-XEMX

Ta' Dun Frans Camilleri

Il-lejl kien twil... Intfew quddiem għajnejna
Id-Dawl u l-Ġmiel. Fil-kesħa, taħt l-irħama,
Dfinnieħa lili-Imħabba, u issa nfnejna
Bil-ġħira u bil-qerq ta' qlub mudlama.

Min ħaqar sar sultan : rebbieħ minn ħdejna
Għadda meqjum u mżejjen bl-aqwa fama.
Min ħabb is-Sewwa nħaqar taħt riġlejna
U f'qalbu donnha ntfiet sa l-aħħar tama.

Kemm hu sabiħ id-Dawl għal ruħ mixtieqa
Mill-ġmiel ta' l-Ideal ta' Tjieba u Mħabba,
Ta' ħajja kollha sliem, bla qerq u dieqa!

Itla', ja Xemx tan-nar! Saffi l-qlub ħżiena,
Keċċilna d-dlamijiet tad-dinja mtabbgħa
U dmugħ il-maħqurin nixxef bil-ħniena!